**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 t'April, 2001

**Numru 16**

**Avviz. numru 1921/00JR**

**Pawlu Zammit**

**vs**

**Raymond Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u dsatax-il lira Maltija (Lm119):**

**Premess illi l-konvenut jikri fond u cioe' 13, Butcher Lane, B'Kara minghand l-attur.**

**Premess illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex il-kera tithallas fl-indirizz indikat fl-istess ittri, l-konvenut baqa jiddeposita l-kera fil-Qorti.**

**Premess illi l-kera dovuta ghal din is-sena hija depozitata l-Qorti.**

**Ghaldaqstant l-attur jitlob il-konvenut ighid ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:**

> **Jikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm119 rappresentanti sena kera u spejjez tad-depoziti ta' l-ahhar sentejn liema spejjez tnaqqsu mill-kera dovuta lejn l-attur.**

**(Prevja dikjarazzjoni ta' l-attur illi huwa qatt ma rrifjuta kera minghand il-konvenut).**

**Ra r-risposta tal-konvenut ippresentata fit-3 ta' Jannar 2001 fejn intqal:**

**Preliminarjament l-attur irid jipprova li l-fond in kwistjoni huwa tieghu.**

**Subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-ammont pretiz thallas mill-konvenut.**

**Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur.**

**Fl-ahhar lok u minghajr pregudizzju t-talba hija ultra vires il-kompetenza "rationae materiae" ta' dan l-Onorabbli Tribunal.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Raymond Vella, Pawlu Zammit u Dr Reno Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi din il-kawza qed issir ghal kundanna ta' mija u dsatax-il lira (Lm119) ghal sena kera fuq il-fond 13, Butcher Lane, B'Kara, kif ukoll ghal spejjez tac-cedoli ta' depositi nkonnessjoni ma' l-istess kera ghall-ahhar sentejn.**

2. **Jirrizulta mill-provi mismugha illi l-konvenut kien jiddeposita l-kera l-Qorti, u kif xehed l-istess konvenut dana sar wara li l-attur kien talab kera ghola u hu rrifjutaha. Il-konvenut ikkonferma illi l-kera ta' l-ahhar sena ma kienetx ingabret mill-attur. Hekk ukoll ikkonferma illi l-kera ta' l-ahhar sena ma kienx offrihielu bhalma ma offriex il-kera ghas-sena precedenti.**

3. **Jirrizulta illi l-attur kien intimah b'ittra datata 14 ta' Awissu 2000 Dok A 1 illi hu l-kera qatt ma cahadha u talbu sabiex ma jiehux il-kera l-**

**Qorti. Dana jirrizulta wkoll mill-ittra mibghuta mill-konvenut fl-10 ta' Novembru 2000 Dok A 2.**

**4. L-Artikolu 1173 (1) tal-Kodici Civili Kap 16 jipprovdi li:**

> **"Jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur, jew dak li ghandu jedd ihallas, jista', bi spejjez tal-kreditur, jiddepozita s-somma jew il-haga li ghandha tinghata bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."**

**5. Filwaqt li l-Ligi tipprovdi wkoll fl-artikolu 1174 tal-Kodici Civili li d-depositu m'ghandhux l-effetti msemmija fl-Artikolu 1173 jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida.**

**6. Jigi rilevat ukoll illi f'dan il-kaz hemm l-eccezzjoni ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal rationae materiae. Fir-rigward it-Tribunal jirrileva li t-talba kif imposta taqa' fil-parametri stipulati fl-Artikolu 3 (2) tal-Att V tal-1995 kif emendat bl-Att XII tal-1998. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni m'ghandhix tigi milqugha.**

**7. Fil-meritu jirrizulta illi l-konvenut ma ottemperax ruhu mad-disposizzjonijiet tal-ligi meta effettwa d-depositu, u ghaldaqstant l-ammont mitlub hu dovut.**

**Ghaldaqstant filwaqt illi t-Tribunal qed jichad l-eccezzonijiet sollevati mill-konvenut, qed jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u dsatax-il lira Maltija (Lm119.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**